32006R0342

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 342/2006

ta' l-24 ta' Frar 2006

li jniedi reviżjoni ta' "esportatur ġdid" għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 li jimponi dazju definittiv ta' l-antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' fibri prinċipali sintetiċi ta' poliesteri li joriġinaw, inter alia, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jirrevoka d-dazju fir-rigward ta' l-importazzjonijiet minn esportatur wieħed f'dan il-pajjiż u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 dwar il-ħarsien minn importazzjonijiet iddampjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") [1] u b' mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. TALBA GĦAL REVIŻJONI

1. Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għal reviżjoni ta' "esportatur ġdid" skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. L-applikazzjoni tressqet minn Huvis Sichuan ("l-applikant") produttur esportatur fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat").

B. PRODOTT

2. Il-prodott taħt reviżjoni huwa fibri prinċipali sintetiċi tal-poliesteri, mhux mimxutin, mqardxin, jew ipproċessati mod ieħor għall-għażil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ('il-prodott ikkonċernat'), attwalment ikklassifikati fi ħdan il-kodiċi NM 5503 20 00. Dan il-kodiċi NM jingħata biss bħala informazzjoni.

C. MIŻURI EŻISTENTI

3. Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma dazju *anti-dumping* definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 [2] li taħtu l-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li ġie prodott mill-applikant, huma suġġetti għal dazju *anti-dumping* definittiv ta' 49,7 % bl-eċċezzjoni ta' kumpaniji partikolarment imsemmija li huma suġġetti għal rati ta' dazju individwali.

D. RAĠUNIJIET GĦAR-REVIŻJONI

4. L-applikant jallega li l-kumpanija topera taħt il-kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kif definit fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, jew bħala alternattiva jiddikjara trattament individwali skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, li l-prodott ikkonċernat ma ġiex esportat lill-Komunità tul il-perjodu ta' investigazzjoni, li fuqu ġew imsejsa l-miżuri ta' l-*antidumping*, jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2003 ("il-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni") u li dan mhuwiex irrelatat ma ebda mill-produtturi esportaturi tal-prodott li huma suġġetti għall-miżuri ta' l-*antidumping* imsemmija hawn fuq.

5. L-applikant barra minn hekk jallega li l-prodott ikkonċernat beda jiġi esportat lill-Komunità wara t-tmiem tal-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni.

E. PROĊEDURA

6. Produtturi Komunitarji li huma magħrufa li huma mħassba ġew mgħarrfa bl-applikazzjoni ta' hawn fuq u ngħataw l-opportunità biex jikkummentaw. Ma waslu l-ebda kummenti.

7. Wara li eżaminat l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm evidenza biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni ta' "esportatur ġdid", skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, bil-ħsieb li jiġi ddeterminat jekk l-applikant huwiex jopera taħt kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kif definit fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku jew alternattivament jekk l-applikant jissodisfax ir-rekwiżiti li jkollu dazju individwali stabbilit skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku u, jekk huwa hekk, il-marġini individwali ta' *dumping* ta' l-applikant u, kemmildarba jinstab li seħħ id-*dumping*, il-livell ta' dazju li għalih għandhom ikunu suġġetti l-importazzjoni tal-prodotti kkonċernati lejn il-Komunità.

8. Jekk jiġi deċiż li l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti biex jiġi stabbilit dazju individwali, jista' jkun meħtieġ li ssir emenda fuq ir-rata ta' dazju applikabbli bħalissa għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-kumpaniji mhux imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 428/2005.

(a) **Kwestjonarji**

Sabiex tikseb tagħrif li tqis bħala meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-applikant.

(b) **Ġbir ta' tagħrif u seduti ta' smigħ**

Il-partijiet kollha interessati huma hawnhekk mistiedna li jwasslu fehmiethom bil-miktub u li jissottomettu evidenza ta' sostenn.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 71, 17.3.2005, p. 1, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1333/2005 (ĠU L 211, 13.8.2005, p. 1).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' l-partijiet interessati, dejjem jekk jagħmlu talba bil-miktub li turi li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

Qed tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju ta' bosta drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 jiddependi minn kemm il-parti tagħmel lilha nnifisha magħrufa matul il-perjodu pprovdut mir-Regolament attwali.

(c) **L-għażla tal-pajjiż b'ekonomija tas-suq**

Fl-eventwalità li l-applikant ma jiġix mogħti status ta' ekonomija tas-suq imma jissodisfa r-rekwiżiti li jkollu dazju individwali stabbilit skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, se jintuża pajjiż adattat b'ekonomija tas-suq bl-għan li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni bi ħsiebha terġa' tuża lill-Istati Uniti ta' l-Amerika għal dan il-għan kif kien sar fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-partijiet interessati huma hawnhekk mistiedna biex jikkummentaw dwar kemm hi xierqa din l-għażla, fil-limitu taż-żmien speċifikat stabbilit fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament.

Barra minn hekk, fl-eventwalità li l-applikant jingħata status ta' ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni tista', jekk huwa meħtieġ, anke tuża' sejbiet li jikkonċernaw il-valur normali stabbilit f'pajjiż adattat b'ekonomija tas-suq, eż. bil-għan li jinbidel kull prezz li mhux kredibbli jew elementi ta' prezz fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li huma meħtieġa biex jiġi stabbilit il-valur normali, jekk *data* kredibbli meħtieġa mhijiex disponibbli fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-Kummissjoni bi ħsiebha tuża lill-Istati Uniti ta' l-Amerika għal dan il-għan ukoll.

(d) **Status ta' l-ekonomija tas-suq**

Fl-eventwalità li l-applikant jipprovdi evidenza suffiċjenti li turi li huwa jopera taħt kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq, jiġifieri li jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, il-valur normali jkun iddeterminat skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, għandhom jintbagħtu talbiet ssostanzjati kif xieraq fil-limitu taż-żmien speċifikat stabbilit fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni se tibgħat formoli ta' talba lill-applikant kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

F. **REVOKA TAD-DAZJU FIS-SEĦĦ U REĠISTRAZZJONI TA'IMPORTAZZJONIJIET**

9. Skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, id-dazju ta' l-*antidumping* fis-seħħ għandu jiġi rrevokat rigward l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li huma prodotti u mibjugħa għall-esportazzjoni lill-Komunità mill-applikant. Fl-istess ħin, importazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu suġġetti għar-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 14 (5) tar-Regolament bażiku, biex ikun żgurat li, jekk ir-reviżjoni tirriżulta f'sejba ta' *dumping* fir-rigward ta' l-applikant, jistgħu jiġu imposti dazji ta' l-*antidumping* b'lura mid-data tat-tnedija ta' din ir-reviżjoni. L-ammont tar-responsabilitajiet futuri possibbli ta' l-applikant ma jistax jiġi stmat f'dan l-istadju tal-proċedura.

G. **LIMITI TA' ŻMIEN**

10. Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, għandhom jiġu ddikjarati l-limiti taż-żmien li fihom:

— il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa lilll-Kummissjoni, iressqu fehmiethom bil-miktub u jissottomettu t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament jew jipprovdu kwalunkwe tagħrif ieħor li għandu jitqies waqt l-investigazzjoni,

— il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni,

— il-partijiet interessati fl-investigazzjoni jistgħu jikkummentaw dwar l-adegwadezza ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li, fl-eventwalità li l-applikant ma jiġix mogħti status ta' ekonomija tas-suq, tkun meqjusa bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq bl-għan li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

— l-applikant jista' jressaq talba ssostanzjata kif xieraq għal status ta' ekonomija tas-suq.

H. **NUQQAS TA' KOPERAZZJONI**

11. F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix l-informazzjoni meħtieġa fil-limiti ta' żmien, jew b'mod sinifikanti tfixkel l-investigazzjoni, is-sejbiet, affermattivi jew negattivi, jistgħu jsiru skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, abbażi tal-fatti disponibbli.

12. Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew li tista' tfixkel, l-informazzjoni għandha titwarrab u jitqiesu, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-fatti disponibbli. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss, u r-riżultati huma għalhekk imsejsa fuq fatti disponibbli konformi ma' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Hawnhekk qed titnieda reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 biex jiġi ddetermiat jekk u sa liema punt l-importazzjonijiet ta' fibri prinċipali sintetiċi tal-poliesteri, mhux mimxutin, imqardxin jew ipproċessati mod ieħor għall-għażil li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM 5503 20 00 li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, prodotti minn Huvis Sichuan (Kodiċi addizzjonali TARIC A736) u mibjugħa għall-esportazzjoni lill-Komunità għandhom ikunu suġġetti għad-dazju ta' l-*antidumping* impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005.

Artikolu 2

Id-dazju ta' l-*antidumping* impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 huwa hawnhekk irrevokat fir-rigward ta' l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

L-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri huma hawnhekk ordnati, skond l-Artikolu 14 (5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1. Ir-reġistrazzjoni tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament attwali.

Artikolu 4

1. Il-partijiet interessati, jekk ir-rappreżentanzi tagħhom għandhom jitqiesu waqt l-investigazzjoni, għandhom jagħmlu lilhom infushom magħrufa lill-Kummissjoni, jippreżentaw fehmiethom bil-miktub u jressqu t-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju msemmi fi premessa 8(a) ta' dan ir-Regolament, jew kull tagħrif ieħor, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, fi żmien 40 jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fi żmien l-istess limitu ta' 40 jum.

2. Il-partijiet involuti fl-investigazzjoni jistgħu jekk jixtiequ, jikkummentaw dwar jekk l-Istati Uniti ta' l-Amerika hijiex xierqa li titqies bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq għall-għan li jiġi stabbilit valur normali fir-rigward tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u għandhom iressqu l-kummenti tagħhom fi żmien 10 ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Talbiet issostanzjati kif xieraq għal status ta' ekonomija tas-suq għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 21 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4. Kull sottomissjoni jew talba magħmula mill-partijiet interessati trid issir bil-miktub (mhux b'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u trid tindika l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku (l-*email*), it-telefown u n-numru tal-faks tal-parti interessata. Kull sottomissjoni bil-miktub, li tinkludi l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet tal-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandha tkun ittikkettjata bħala "Ristretta [3]" u, skond l-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill, għandha tkun akkumpanjata b'verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun ittikkettjata "GĦALL-SPEZZJONI MILL-PARTIJIET INTERESSATI".

Kull informazzjoni li għandha x'taqsam mal-kwistjoni u/jew kwalunkwe talba għall-seduta għandha tintbagħat f'dan l-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate General for Trade
Directorate B
Office: J-79 5/16
B-1049 Brussels
Faks (32 2) 295 65 05

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-24 ta' Frar 2006.

Għall-Kumissjoni
Peter MANDELSON
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] Dan ifisser li d-dokument hu biss għall-użu intern. Hu protett skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Dan huwa dokument kunfidenzjali skond l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim ta' l-*Antidumping*).